

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/639

tad-19 ta' Marzu 2018

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ tipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran ("PRIMA") li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri.
- (2) L-għan ta' PRIMA hu li timplimenta programm konġunt biex jinbnew il-kapaċitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u li jiġu żviluppati l-għarfien u soluzzjonijiet innovattivi komuni għas-sistemi agroalimentari, biex dawn isiru sostenibbli, u għall-provvista u l-ġestjoni integrati tal-ilma fiż-żona tal-Mediterran, biex daww is-sistemi u dik il-provvista u l-ġestjoni jsiru aktar reżiljenti għall-klima, effiċjenti, kosteffettivi u ambjentalment u soċjalment sostenibbli, u biex isir kontribut biex tinstab soluzzjoni upstream għal problemi marbutin mal-iskarsezza tal-ilma, is-sikurezza alimentari, in-nutrizzjoni, is-saħħa, il-benesseri u l-migrazzjoni.
- (3) Fi PRIMA ser jipparteċipaw b'mod konġunt għadd ta' Stati Membri u ta' pajjiżi terzi ("Stati Parteċipanti") b'livell għoli ta' impenn għall-integrazzjoni xjentifika, finanzjarja u tal-ġestjoni u bl-istess termini u kondizzjonijiet.
- (4) Ir-Renju tal-Marokk ("il-Marokk") esprima x-xewqa tiegħu li jissieħeb fi PRIMA bħala Stat Parteċipant u li jkun fl-istess livell tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-programm Orizzont 2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) – li jipparteċipaw fi PRIMA.
- (5) Skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, il-Marokk isir Stat Parteċipant fi PRIMA soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fi PRIMA.
- (6) Fit-30 ta' Mejju 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, fisem l-Unjoni għal ftehim internazzjonali mal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fi PRIMA, soġġett għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess meta l-Partijiet poġġew l-inizjali tagħhom fuq il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ("il-Ftehim")

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1).

- (7) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat.
- (8) Sabiex il-Marokk jitħalla jipparteċipa fi PRIMA mill-aktar fis possibbli, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu japplika fuq bażi proviżorja, f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu, mill-iffirmar tiegħu, ⁽¹⁾ sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
R. PORODZANOV

⁽¹⁾ Id-data tal-iffirmar tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata fl-Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.